Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 687/2012

**Pineapple Media Limited**

**Vs**

**Johan Gauci**

21 ta' Ottubru, 2016.

Is-socjeta attrici harrket lill-konvenut ghas-somma ta' elf mija u tmenin ewro (€1,180), prezz li hallset lill-konvenut ghax-xiri ta' generator li ma kienx skont specifications li kellu jkollu meta sar in-negozju.

Il-konvenut wiegeb:

1. Mhux veru li l-generator ma kienx skond specifications miftehma bejn il-partijiet.
2. Il-generator gie ritornat ghaliex zviluppa hsara bl-uzu.

B'sentenza tal-20 ta' Gunju, 2014 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar laqa' t-talba tal-attrici limitatament fis-somma ta' disa' mitt ewro (€900), bl-imghax mid-data li gie pprezentat l-avviz tat-talba.

Il-konvenut appella, u l-aggravji huma:

1. Kellha ssir prova li l-generator ma kienx tal-kwalita pattwita minhabba li dik kienet il-kawzali. Allegazzjoni li ma gietx ippruvata. Ladarba t-Tribunal ma kkonkludiex li l-oggett ma kienx tal-kwalita pattwita, allura ma setax jilqa' t-talba tal-attrici.
2. Il-generator ma thalliex ghand il-konvenut, izda ghand missieru. Mid-deposizzjoni ta' Joseph Gauci jirrizulta li l-attrici hadet il-generator ghand il-konvenut sabiex jissewwa. Kien biss wara li talbet il-flus lura.
3. L-appellant ma kellu l-ebda obbligu li jiddepozita l-generator fil-qorti. M'hemm l-ebda diffikulta li l-attrici tigbor il-generator. Mehud in konsiderazzjoni l-provi li tressqu, m'hemmx bazi biex wiehed jikkonkludi li kien hemm l-appellant tacitament accetta r-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgh.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

1. L-attrici xtrat generator minghand il-konvenut u fit-23 ta' Settembru 2011 inghatat ricevuta (fol. 17). Roger Zammit, direttur tas-socjeta attrici, u Mark Filletti xehedu li riedu jixtru generator li kellu output sa 6KVA u l-konvenut

qalilhom li kien jiggenera 7KVA. Ix-xhud Mark Filletti xehed li hu *technician* tal-ajruplani.

2. Il-konvenut xehed u pprezenta ritratt tal-generator in kwistjoni (Dok. JG2 a fol. 28). M'hemm l-ebda prova kontra. Fuq il-generator hemm tabella li tghid *Rated Output* 5.0 KVA u Max Output 5.5 KVA. Il-qorti tarah ferm improbabbli li l-konvenut qalilhom li l-generator ghandu output ta' 7KVA[1] u li r-reklam fuq Maltapark kien li l-generator kien 7KVA[2], meta fuq il-generator stess hemm stampat li *maximum output* hu 5.5 KVA. Roderick Zammit stess xehed li meta xtara l-generator kien akkumpanjat minn Mark Filletti, *"... who has some technical knowledge and could advise us."* Ghalhekk fuq bazi ta' probabilta' Filletti ra dak li kien stampat fuq il-generator. It-Tribunal stess fis-sentenza qal li ma kienx irrizulta b'mod sodisfacenti li:

   *"... l-konvenut qarraq bir-rapprezentant tas-socjeta attrici, meta allegatament bieghlu generator li kien jiggenera 5KVA ta' energija meta l-istess rapprezentant tas-socjeta attrici allegatament talbu wiehed li seta' jiggenera aktar minn 6KVA ta' energija – u dan anke kont tal-fatt illi huwa ferm probabbli illi fuq il-generator stess kien hemm indikati l-ispecifications tal-generator li kien qed jigi mibjugh, u li ghalhekk dawn setghu gew verifikati mir-rapprezentant tas-socjeta attrici minghajr il-htiega li jsiru xi testijiet jew provi dwar x'energija seta' jiggenera..."*

   Il-qorti tqies li hi ferm inverosimili li x-xerrejja kienu ser joqghodu fuq dikjarazzjoni tal-bejjiegh meta t-taghrif kollu kien stampat fuq il-makkinarju. Mark Filletti stess xehed li ghalkemm m'huwiex *electrician*, wiehed jista' jivverifika jekk il-generator kellux output ta' 6KVA. Fic-cirkostanzi l-qorti ma temminx li l-konvenut tahom garanzija li l-*generator* kien jilhaq *maximum output* ta' 7KVA. Inoltre, m'hemmx prova teknika li l-generator ma jilhaqx output ta' 5.5KVa.

3. Pero' t-Tribunal qal li fattwalment kien irrizulta li l-generator kien ghadu fil-pussess tal-konvenut. Zied ighid li l-konvenut baqa' ma ddepozitax il-generator taht l-awtorita tal-qorti, lanqas wara li gie notifikat bl-avviz tat-talba. Ghalhekk ikkonkluda li l-konvenut ma kellux dritt izomm il-prezz ghaliex inkellha jkun hemm arrikkiment indebitu. Din ma kinitx il-kawzali tal-azzjoni li pproponiet is-socjeta attrici[3]. Hu fatt li m'hemm xejn li jzomm lit-Tribunal milli

---

[1] Ara deposizzjoni ta' Mark Filletti.
[2] Ara affidavit ta' Roger Zammit (fol. 10).
[3] Fl-avviz tat-talba jinghad*: "Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mija u tmenin ewro (€1,180) rapprezentanti somma mhallsa lilu mis-socjeta attrici ghal hlas ta' generator li l-konvenut biegh lis-socjeta attrici, liema generator konsenjat ma kienx skond l-ispecifications asseriti mill-konvenut meta gie mibjugh u ghalhekk is-socjeta attrici rritornat il-generator lill-konvenut."* (fol. 2).

jiddeciedi fuq kawzali differenti minn dik espressa fl-avviz tat-talba[4], madankollu qabel jiddeciedi ghandu jaghti l-opportunita' lill-partijiet li jiddefendu ruhhom fuq il-kawzali gdid u mhu jissorprendi lill-partijiet bis-sentenza. Fir-realta' dak li gara f'dan il-kaz kien li t-Tribunal iddecieda l-kawza fuq jedd differenti minn dak li pproponiet l-attrici, gialadarba mill-avviz tat-talba hu evidenti li l-attrici talbet lura l-prezz ghaliex issostni li l-generator ma kienx tal-kwalita pattwita.

4. F'kull kaz, il-qorti ma taqbel xejn mar-ragunament tat-Tribunal meta tqies li:-

i. Qatt ma sehh xi ftehim bejn il-partijiet li l-bejgh jigi rizolt. Skond ma xehed Roger Zammit kien ha l-generator ghand il-konvenut. Meta gie nfurmat li kull ma gara kien li tar fuse, qal li ma riedx jiehdu lura ghaliex il-makkinarju ma kienx jilhaq l-output li kellhom bzonn. Verzjoni konfermata minn Joseph Gauci, missier il-konvenut, li xehed: *"Meta sewwejtu cempiltlu sabiex navzah biex jigi ghalih izda qalli li ma ridux u biex intih il-flus lura."*

ii. L-attrici qatt ma talbet lill-konvenut li jaghtiha lura l-generator, kif jirrizulta mill-ahhar paragrafu tal-affidavit ta' Roger Zammit. Inoltre, mill-bidunett l-attrici riedet li tinghata lura l-flus (ara ittra legali datata 3 ta' Novembru 2011 a fol. 17 u fis-27 ta' Settembru 2012 ipprezentat il-kawza);

iii. Il-konvenut ma kellu l-ebda obbligu li jiddepozita l-generator taht l-awtorita tal-qorti. Kienet l-attrici li hadet il-generator ghand il-konvenut u wara ddecidiet li ma tigbrux u bdiet titlob li tinghata lura flusha. Il-fatt li ma sarx depozitu ma jfissirx li sehhet ir-rizoluzzjoni tal-bejgh;

iv. M'hemm l-ebda prova li l-konvenut biegh jew iddispona mill-generator in kwistjoni. Fil-fatt fis-seduta tas-17 ta' Frar 2014 il-konvenut ikkonferma li l-generator ghadu ghandu.

v. Hu veru li ghaddew kwazi hames snin minn meta l-generator inghata lill-konvenut u ghadu ghandu sal-gurnata tal-lum. Pero' l-qorti ma tistax tiddeciedi l-kawza favur l-attrici a bazi ta' dan il-fatt. Din m'ghandha x'taqsam xejn mal-ekwita' li ssemmiet mit-Tribunal. Il-konvenut m'ghandu l-ebda htija jekk l-attrici rrifjutat li tiehu lura l-pussess tal-generator wara li saret tiswija li jidher li kienet titlob ftit li xejn xoghol. Kuntrarjament ghal dak li qal it-Tribunal, 'il fatt li l-generator baqa' ghand il-konvenut ma jfissirx li kien hemm, *"accettazzjoni tacita da parti tal-konvenut tar-rexxissjoni tal-bejgh."* Kieku l-konvenut iddispona mill-generator allura l-affarijiet kienu jkunu

[4] Kif wara kollox jipprovdi l-Artikolu 213 tal-Kap. 12.

differenti, pero’ m’hemm xejn x’jindika li l-konvenut ta kunsens tacitu ghar-rexxissjoni tal-bejgh.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tilqa’ l-appell.**
2. **Tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talba tas-socjeta attrici.**

**Spejjez kollha tal-kawza a karigu tas-socjeta attrici.**

Anthony Ellul.